

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2015 – EK/servicegroup vs UASI (FERLI)**(Kawża T-775/15)**

(2016/C 078/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: EK/servicegroup eG (Bielefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Müller u T. Müller, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “FERLI” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 850 235

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Ottubru 2015 fil-Każ R 1233/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 207/2009 u tar-Regola 9(4) tar-Regolament Nru 2868/95;
- Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2015 – Meissen Keramik vs UASI (MEISSEN KERAMIK)**(Kawża T-776/15)**

(2016/C 078/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Meissen Keramik GmbH (Meißen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Vohwinkel und M. Bagh, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark inkwistjoni: trade mark figurattiva Komunitarja li tinkludi l-element verbali “MEISSEN KERAMIK” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 100 797.

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Ottubru 2015 fil-Każ R 531/2015-1